MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 413/2010

Kawza fil-lista:  21

**A G Y**
**vs**
**Dr Patrick Valentino u PL Veronica Rossignaud kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil Q G X assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta illi l-partijiet kienu zzewgu civilment gewwa Missisauga, Ontario, il-Kanada fit-13 ta’ Novembru, 1999 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal; illi l-kontendenti huma separati minn xulxin permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-4 ta’ Lulju, 2008 u liema decizjoni marret in gudikat billi minnha ma sar l-ebda appell;  illi l-attur ta’ l-kunsens tieghu ghal kuntratt

taz-zwieg bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg, innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u zzewweg lill-intimata wara biss gherusija ta' ftit iktar minn sena li matulha kien biss flimkien mal-mara futura ghal seba' xhur u kellhom jizzewgu b'mod sfurzat ; illi inoltre l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ; illi ghalhekk l-imsemmi zwieg jigi ddikjarat null.

Ghaldaqstant, l-attur qed jitlob lil din l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi ghar-ragunijiet premessi jew ghar-ragunijiet ohra imsemmija fil-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghal finijiet w effetti kollha tal-Ligi u tawtorizza lill-attur jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;  bl-ispejjez kontra l-intimata;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li jirraprezentaw lill-assenti intimata fejn iddikjaraw li huma mhumiex edotti mill-fatti pero' jirrizervaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet l-attur jiddeponi;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta huwa null fil-ligi, stante li l kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-artikolu 19 (1) paragrafu (a) u (d) tal-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-13 ta' Novembru, 1999, meta l-attur kellu 23 u l-intimata 20 sena; ghalkemm kienu ilhom jafu lil xulxin cirka sena u nofs, kienu iltaqghu b'kollox xi erba' darbiet u dan kien meta l-intimata, li kienet tghix il-Kanada mal-familja taghha, kienet tigi Malta ghal btala.

Biex iqattaw aktar hin flimkien, iddecidew li l-attur ghandu jitla jghix il-Kanada, bil-hsieb li jsib xoghol, jghixu flimkien u wara xi snin jizzewwgu. Ghal dan il-pjan pero l-familjari tal-intimata oggezzjonaw, u mal-wasla tal-attur il-Kanada, insistew li ghandhom jizewwgu hemmhekk bic-civil biss. L-attur sab ruhu bejn haltejn u ma kellux triq ohra hlief li jizzewweg.

Il-hajja konjugali ma kienetx wahda felici, lanqas meta, wara sentejn ippruvaw jghixu f'ambjent differenti billi gew Malta. L-intimata kienet tghix hajja libera u ta' xebba u bilkemm kienu jaraw lil xulxin.

F'dawn ic-cirkostanzi l-attur telaq mid-dar matrimonjali u wara ftit xhur l-intimata siefret u marret tghix barra. Fil-4 ta' Lulju 2008 isseparaw legalment.

Illum l-attur qieghed f'relazzjoni stabbli ma' persuna ohra u minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-provi jirrizulta li l-attur kellu 23 sena meta ltaqa u mal-konvenuta li kellha 20 sena; l-gherusija, ghalkemm damet sena u nofs kienet tikkonsisti biss f'laqghat limitati hafna, meta l-konvenuta, li kienet tghix il-Kanada mal-familjari taghha, kienet tigi ghal btala Malta. B'hekk kien difficli li l-kontendenti, tul l-gherusija, jsiru jafu u jistudjaw il-karattru u l-istil ta' hajja ta' xulxin.

L-attur ghal kull buon fini tela' hdejn il-konvenuta l-Kanada bil-hsieb li jiehu z-zmien tieghu biex jizzewweg. L-oggezzjoni ghal koabitazzjoni mill-familjari tal-konvenuta ma hallietlu l-ebda triq ohra hlief li jizzewweg kontra qalbu – fil-fatt, kif kien ikkonfermat mix-xhieda hadd mill-familjari f'Malta ma kienu infurmati.

In-nuqqas ta' preparament ghall-hajja konjugali rrizulta f'dizgwid u problemi bejniethom tul il-hajja matrimonjali kemm meta kienu jghixu l-Kanada u kemm meta wara sentejn gew jghixu Malta. Sabuha difficli jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u mhabba u infirdu wara ftit snin u t-tnejn marru jghixu ghar-rashom.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-ghoti tal-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat peress li kien priv b'mod sostanzjali minn maturita' affettiva u minn dik il-fakolta' kritika-estimattiva jew kritika-valuttiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; u ghalhekk tikkonfigura fil-konfront tieghu l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba li z-zwieg huwa null, hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici billi tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-13 ta' Novembru 1999, huwa null u bla effett fil-ligi, tort taz-zewg partijiet.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------